# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## DECIZJONI NUMRU 2 2 9 7

### Chairman: Dr Leslie Cuschieri Cert.Dip.Stud., LL.D.

**Kaz Numru 2971/LC**

**Fil-kwistjoni tax-Xoghol bejn**

**John Farrugia**

**vs**

**MaltaPost plc**

**dwar tkeccija mill-impieg allegata li hi ngusta**

Illum 8 Lulju 2014

Dan il-kaz gie referut lit-Tribunal Industrijali b'rikors ta' John Farrugia fir-Registru tal-Qorti fid-9 ta' Novembru 2011 tramite l-avukat Dottor Joanne Vella Cuschieri. Ghall-iskopijiet ta' Artikolu 78 ta' Kap 452 tal-Ligijiet ta' Malta jinghad li dan il-kaz ma setghax jigi deciz fiz-zmien moghti bil-ligi minhabba li l-gbir tal-provi ha fit-tul.

DIKJARAZZJONIJIET

Ir-Rikorrent jghid li huwa kien ilu impjegat mas-socjeta' intimata fuq bazi indefinita bhala '*postal operator*' ghal madwar 15 –il sena; imbaghad fid-29 ta' Settembru 2011 huwa rcieva ittra tat-temm tal-impieg tieghu ai termini tal-klawzola 7.17 tal-Ftehim Kollettiv abbazi ta' ragunijiet ta' sahha. Jghid li skond l-imsemmija klawzola, it-terminazzjoni ssehh kemm –il darba l-impjegat jitlob hekk jew wara li jigi appuntat Bord Mediku u dan jirrakkomanda hekk; izda ebda wahda minn dawn it-tnejn ma vverat ruhha. Jghid li ghalhekk it-terminazzjoni tal-impieg tieghu kienet bi ksur tal-Ftehim Kollettiv u ghalhekk

ghandha titqies bhala tkeccija ingusta.  Huwa talab rimedju fit-termini ta' Artikolu 81 tal-Kap 452 tal-Ligijiet ta' Malta, inkluz li jigi re-integrat f'xogholu u li jithallas kumpens.  Fid-Dikjarazzjoni tal-kaz tieghu, John Farrugia jghid li huwa kien jaqla' €1,100 fix-xahar u meta rcieva ittra li tghid li l-impieg tieghu gie terminat ghal ragunijiet medici huwa anqas biss kien jaf li qed tigi kkunsidrata t-terminazzjoni tal-impieg tieghu.

Wara li diversi tentattivi ghal ftehim bonarju ma rnexxewx, il-kumpanija intimata dahhlet Stqarrija tal-kaz fejn qalet li t-terminazzjoni tal-impieg tar-rikorrent kienet ghal raguni tajba u sufficjenti fil-ligi, partikolarment ghaliex l-istess rikorent kien involut f'diversi episodji ta' fastidju u kwistjonjiet tal-istess generu, b'dan illi kellu jkun hemm anke intervent da parti ta' tobba specjalizzati sabiex l-istat ta' sahha tal-appellant jigi ezaminat.  Tghid ukoll li bhala rizultat ta' dan kollu kemm l-agir tar-rikorrent kif ukoll is-sitwazzjoni tieghu wasslu ghat-tmiem tal-impieg tieghu, u dan ukoll wara li saret talba ghall-waqfien mix-xoghol f'isem l-istess appellant.

<u>IL-PROVI MIGJUBA</u>

Ma jidhirx li l-fatti li wasslu ghal din il-vertenza huma kkontestati u ghalhekk mhemmx htiega li jigi riportat x'qal kull xhud u x'kien fihom id-diversi rapporti li gew kompilati mill-management tas-socjeta` intimata in rigward tal-komportament tas-sur  Farrugia.  Fi ftit kliem, ir-Rikorrent kien qed jahdem fil-fergha taz-Zejtun meta f'Lulju 2010 huwa beda jiccajta b'mod stramb ma' certu Jason Camilleri: cajt ta' xehta sesswali li beda jgieghel lil Jason Camilleri jhossu skomdu, mmolestat u ffastidjat.  Jidher li minkejja li Camilleri ghamilha cara mar-rikorrent li ma kienx qed iqis tali agir bhala cajt, fit-13 ta' Lulju 2010 ir-Rikorent baqa' ghaddej b'dan il-fastidju sal-punt li kwazi gew fl-idejn.  Meta s-superjura taghhom Charmaine Zammit giet twaqqafhom mill-argument,  ir-rikorrent (li ma kienx f'postu imma fil-post fejn kien qed jahdem Camilleri) mhux biss ma riedx jieqaf, izda ried ikompli "jiccajta ma' Camilleri" u beda

jirrifjuta li jmur ikompli xogholu. Meta Charmaine Zammit dahlet bejniethom, Farrugia sahansitra imbuttaha. Zammit tghid li dakinhar u anke fi granet ohra kienet qed tinnota lir-rikorrent b'ghajnejh homor nar, u b'riha ta' xorb alkoholiku, izda r-rikorrent kien jichad li jkun xorob. Fil-granet sussegwenti r-rikorrent beda jiddezisti milli jiffastidja lil Camilleri, imma imbaghad wara xi jiem huwa rega' beda jdejqu bi kliem jew billi jmiss il-parti privata tieghu mal-warrani ta' Camilleri. Is-superjuri taghhom u tal-Human Resources wissew lil Farrugia bil-qawwa biex ma jkomplix igib ruhu hekk, izda Farrugia baqa' jinsisti li ghalih dak kien "cajt", avolja Camilleri kien qed ihossu ffastidjat. Is-superjuri tieghu baqghu iwissuh u f'diversi okkazjonijiet huwa kien qed jevita li jmur ikellimhom meta jsejhulu. Dahal Awwissu u r-rikorrent baqa' jipprovoka incidenti simili: ihakkek ma' Camilleri li minn naha tieghu jimbuttah 'l hemm, u jigu fl-idejn, sa ma fit-13 ta' Awwissu 2010 John Farrugia gie sospiz mix-xoghol.

Fit-23 t'Awwissu 2010 inhargulu charges ta' dizubbidjenza lejn is-superjuri tieghu, ksur tar-regolamenti tal-kumpanija, abbuz fuq impjegati ohra, u fastidju lejn impjegati ohra. Fil-procedura dixxiplinari, Farrugia u r-rapprezentant tal-Union tieghu insistew li din kienet cajta imgebbda imma mhux fastidju jew dizubbidjenza. Farrugia instab hati tal-akkuzi u gie sospiz mix-xoghol sa l-ahhar ta' Settembru 2010 u trasferit ghal San Gwann. Din il-mizura kellha titqies ukoll bhala warning valida ghal 3 snin. Ir-rikorrent appella, izda fl-appell id-decizjoni originali giet ikkonfermata. Fiz-zmien li kien qed jinstema dan il-kaz, ir-rikorrent beda jaghmel avvanzi simili fuq impjegat iehor Carlo Stivala, din id-darba fil-parking area, fil-Guard-Room u kull fejn jarah. Fuq dan l-incident regghu inhargulu charges simili fid-29 ta' Settembru 2010. Certifikat datat 1 t'Ottubru 2010 mill-konsulent psikjatriku Dr David Cassar kien jitlob li John Farrugia jibqa' barra mill-impieg ghal numru ta' gimghat minhabba kundizzjoni mentali li kienet qed twallsu ghall- imgieba ta' fastidju fil-konfront ta' persuni ohra. Farrugia dahal lura ghax-xoghol San Gwann izda kien qed isibha ferm difficli jitghallem ix-xoghol t'hemmhekk. Beda jiehu granet ta' leave, u l-operaturi tal-posta irgiel bdew jilmentaw li

Farrugia kien qed idejjaqhom imiss maghhom. Il-kumpanija intimata irceviet certifikat iehor ta' Dr David Cassar tat-18 ta'April 2011 li jghid li r-rikorrent kien ghadu fi stat akut ta' dizordni u anzjeta`. Fl-20 t'April 2011 Il-kumpanija talbet lir-rikorrent jattendi intervista medika ai termini ta' klawsola 7.17.2 tal-Ftehim Kollettiv, pero` r-rikorrent ma marx.

Il-kumpanija intimata intalbet titrasferixxi lil Farrugia lura fis-South Hub fejn kien qabel ghaliex dan kien mistenni jghinu jipprogressa fil-kura li kien qed jircievi in rigward tad-dizordni mentali. Kien proprju fid-29 ta' Lulju 2011 li fid-dawl ta' dan is-sur Farrugia gie infurmat li intbaghat lura fis-South Hub b'effett mill-1 t'Awwissu 2011. Fis-17 t'Awwissu 2011 John Farrugia rega' mar hdejn Jason Camilleri u qallu li kien ser jaghmillu dik li kien jaghmillu qabel, pero` ghall-ahhar darba; hawnhekk Camilleri warrbu u mar jirrappurtah lis-superjur (Amministratur) Godfrey Borg, li intervjena biex Farrugia ma jkomplilx bl-intenzjoni tieghu. Il-kumpanija intimata esebiet ittra ta' Dr David Cassar (dokment 40 f'folio 62) datata 9 ta' Settembru 2011 li tghid li Farrugia kien ghadu jsofri minn dizordni ta' anzjeta` kronika u li t-terminazzjoni tal-impieg tas-sur Farrugia ghandha tigi registrata bhala wahda ghal ragunijiet ta' sahha. Dakinhar stess il-Kap Ezekuttiv Joseph Gafa` hareg ittra tat-temm tal-impieg tar-rikorrent "on medical grounds."

Ir-rikorrent xhed permezz ta' affidavit u jpoggi l-kronologija tal-fatti fis-sens li huwa beda jmur ghand psikjatra tant kemm hadha bi kbira li gie sospiz u trasferit ghal San Gwann. Jghid li San Gwann dam xi gimghatejn biss jahdem ghaliex ma setax jidra u htieglu johrog bis-sick-leave. Bis-sahha ta' l-ghajnuna li sab, il-kumpanija intimata accettat li tibghatu lura z-Zejtun. Jghid li saret allegazzjoni ta' incident iehor u meta mar ikellem lill-psikjatra Dr David Cassar dan hadha kontrih. Jghid li ddecieda li ma jibqax taht il-kura ta' Dr Cassar, u ma tah ebda struzzjonijiet biex jitkellem f'ismu. Jghid li imbaghad sar jaf li Dr Cassar mar jirrakkomanda t-terminazzjoni tal-impieg tieghu minn wara daru u minghajr ma kien inkarigat jaghmel dan. In kontroezami jichad li huwa rega' ffastidja lil Jason Camilleri fl-2011; jghid li huwa mar jilmenta dwar l-akkuzi

foloz li saru fil-konfront tieghu ma' Dr Cassar, izda jghid li Dr Cassar m'emmnux li dawn l-akkuzi kienu foloz u qallu li kien qed jehodha kontrih. Jghid li fuq dan il-kliem huwa qal lil Dr Cassar biex ma jibqax jirrapprezentah, u fil-fatt mar ghand xi haddiehor, u cioe` lill-psikjatra Dr Anton Grech. Fuq dan ir-rikorrent ma riedx jaghti l-kunsens tieghu biex jezenta lil Dr Cassar halli jixhed dwaru.

Xhed Dr Stefan Camilleri li kien gie appuntat mill-kumpanija intimata biex bhala Medical Board jezamina lil John Farrugia. Huwa baghat ghalih imma Farrugia ma marx. Xhed Dr David Cassar li minghajr ma dahal f'dettalji klinici qal li l-Maltapost kellhom quddiemhom kaz ta' tkeccija imma huwa hass li kellu jahdem hafna favur Farrugia biex jinzamm fl-impieg. Il-Maltapost ikkooperaw mat-talbiet tieghu favur Farrugia u ltaqghu diversi drabi. Jghid li kull meta tkellem mar-rapprezentanti tal-kumpanija dejjem ghamel dan fuq struzzjonijiet jew diskussjonijiet mal-pazjent, ossia r-rikorrent. Jghid li xi hadd infurmah li l-kumpanija kienet ser tittermina l-impieg ta' Farrugia f'Settembru 2011, u baghat ittra biex it-terminazzjoni ma tigix bazata fuq dixxiplina imma fuq ragunijiet medici sabiex it-terminazzjoni ma jkollhiex impatt negattiv fil-futur.

<u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

Illi r-rikorrent qed jibbaza l-kaz tieghu fuq tkeccija irregolari in kwantu klawsola 7.17 tal-Ftehim Kollettiv tghid li persuna tista' minn jedda tieqaf mill-impieg fuq raguni ta' sahha, u tista' titwaqqaf mill-kumpanija jekk jirrizulta li hekk ikun ragonevoli li jsir minn Bord Mediku. Irrizulta li l-kumpanija intimata hadet pacenzja bil-kundizzjoni tar-rikorrent, u anke l-kollegi tieghu hadu pacenzja, pero` kien qed jidher li biex jibqa' fl-impieg ir-rikorrent kien qed jigi ddisturbat l-ambjent tax-xoghol. F'April 2011 il-kumpanija ddecidiet li tibghat lir-rikorrent quddiem Bord Mediku, izda r-rikorrent ma kkoperax. Pero` l-kumpanija xorta zammet kuntatt mal-konsulent psikjatriku tar-rikorrent sal-punt li fuq rakkomandazzjoni tieghu u biex jigi agevolat Farrugia, il-

kumpanija talbet lill-kollegi kollha tieghu biex ituh cans jerga' jigi jahdem maghhom fil-Fergha taz-Zejtun. Il-kollegi accettaw u r-rikorrent intbaghat hemm, pero` l-istess impjegat li kien gie ffastidjat sena qabel allega li kien ser jerga' jigi ffastidjat. Filmat bis-CCTV juri lir-rikorrent verament javvicina lil dan l-impjegat, imma ma jidhirx fastidju sesswali partikolari. Tenut kont li Farrugia kellu jzomm distanza minn dan l-impjegat (Camilleri), kwalunkwe avvanz jew avvicinar li huwa ghamel lejn dan l-impjegat kien qed jaghti lok ghal allarm. Qabel ma ttiehdu passi dixxiplinari ohra fuq dan l-incident li setghu wasslu ghat-tkeccija, Dr Cassar talab lill-kumpanija tikkonsidra l-kaz bhala wiehed mediku sabiex ir-rikorrent ma jkollux diffikultajiet ikkawzati bil-fatt li jkun tkecca. Il-kumpanija intimata accettat li timxi b'dan il-mod. Fi kliem iehor il-kumpanija kellha quddiemha kaz ta' dixxiplina, pero` biex b'xi mod tghin lir-rikorrent imxiet fuq il-linja proposta minn Dr Cassar. Jidher li r-rikorrent ma riedx jammetti jew jaccetta li ghadu ma harigx mill-kundizzjoni mentali tieghu, u hadha kontra Dr Cassar. Ir-rikorrent ma jidhirx li hu daqstant in bona fede in kwantu fl-affidavit tieghu jipprova jitfa l-htija tal-kundizzjoni tieghu fuq it-trasferiment ta' Settembru 2010, mentri c-certifikat Doc 17 a folio 36 juri li l-kundizzjoni tieghu kienet ilha hemm minn ferm qabel. Farrugia jghid li lil Dr Cassar ma riedux jixhed ghax dar kontrih, mentri huwa anqas tella lill-psikjatra l-gdid tieghu Dr Anton Grech.

Dan it-Tribunal ihoss li ghalkemm huwa minnu li l-kumpanija intimata ma mxietx precizament ma' dak li kien miftihem fil-Ftehim Kollettiv, dan ghamlitu in bona fede assoluta u skond kif deher li kien ser ikun l-ahjar interess ta' Farrugia stess. Bl-insistenza tar-rikorrent li kellu jigi ezaminat minn Bord Mediku, ir-rikorrent jista' qed jimplika li huwa m'ghadux isofri bid-dizordni mentali li ssemmiet qabel, mentri l-konsulent precedenti tieghu kien tal-fehema li ghandu.

Ghalhekk, jekk ir-rikorrent irid jimxi bil-*punto e virgola*, dan it-Tribunal ser ikollu jinforza l-ligi kif inhi u jiddikjara li l-kumpanija intimata ma mxietx mal-ftehim kollettiv meta f'Settembru 2011 iddecidiet li tittermina l-impieg tar-

rikorrent ghal ragunijiet ta' sahha.  In kwantu l-kumpanija kienet f'bona fede kompleta, in kwantu hemm dubju zghir li seta' kien hemm xi misunderstanding bejn ir-rikorrent u Dr Cassar, u in kwantu r-rikorrent ma jidhirx li mexa in bona fede kif inghad, dan it-Tribunal mhux qed iqis it-terminazzjoni tal-impieg tar-rikorrent bhala wahda ingusta u ghalhekk m'ghandu jithallas ebda kumpens.

In kwantu t-terminazzjoni a bazi ta' ragunijiet medici tehtieg decizjoni ta' Board Mediku skond il-Ftehim Kollettiv, it-terminazzjoni tal-impieg tar-rikorrent qed titqies irregolari u qeghda tithassar; ghalhekk il-kumpanija intimata qed tigi diretta biex b'effett immedjat twaqqaf Board Mediku biex jezamina lir-rikorrenti u sa zmien erbghin gurnata mill-lum il-Board Mediku jaghmel ir-rakkomandazzjonijiet tieghu.  Jekk ir-rikorrent  ma jattendix ghandu jitqies li huwa qed jaccetta li hemm ragunijiet medici sufficjenti biex l-impieg tieghu jigi terminat b'mod definittiv.  Dan it-Tribunal qed jaghmilha cara li fic-cirkostanzi, tkun xi tkun ir-rakkomandazzjoni tal-Board Mediku (igifieri sew jekk jirrakkomanda li Farrugia jerga' jidhol fl-impieg u sew jekk jirrakkomanda li Farrugia ghadu mhux tajjeb biex jidhol lura mal-Maltapost)  Farrugia m'ghandu jkun intitolat ghall-ebda kumpens jew remunerazzjoni ghall-perjodu bejn it-terminazjoni ta' Settembru 2011 u llum.

<u>DECIZJONI</u>

Ghaldaqstant, wara li dan it-Tribunal ra l-atti kollha ta' dan il-kaz, it-Tribunal qieghed jiddeciedi u jiddikjara li t-terminazzjoni tal-impieg tar-rikorrent kienet irregolari pero` maghmula in bona fede fuq rakkomandazzjoni tal-konsulent psikjatriku tar-rikorrent.  Fic-cirkostanzi l-agir tal-kumpanija intimata kien gustifikat skond il-ligi.  Qed jigi ordnat biex b'effett immedjat il-kumpanija intimata twaqqaf Board Mediku biex jezamina lir-rikorrentti u sa zmien erbghin gurnata mill-lum il-Board Mediku jaghmel ir-rakkomandazzjonijiet tieghu.  Jekk ir-rikorrent  ma jattendix ghandu jitqies li huwa qed jaccetta li hemm ragunijiet medici sufficjenti biex l-impieg tieghu jigi terminat b'mod definittiv.  Tkun xi tkun ir-rakkomandazzjoni tal-Board Mediku,  Farrugia

m'ghandu jkun intitolat ghall-ebda kumpens jew remunerazzjoni ghall-perjodu bejn it-terminazjoni ta' Settembru 2011 u llum, u mill-lum huwa ghandu jigi meqjuz bhala sospiz sa ma tittiehed id-decizjoni finali. Ghall-finijiet tal-Kap 452 tal-ligijiet ta' Malta rigwardanti drittijiet tad-difensuri tal-partijiet, dawn qed jigu ffissati fl-ammont ta' tlieta u disghin Euro (€93.00). B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

Dr Leslie Cuschieri
Chairman